MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 315/2013

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Mallia Jason Roy**
**ID 245809 L**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta'attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta'attrici s-somma ta' erba' mija tmienja u hamsin ewro u sitta u tletin centezmu (€458.36c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40145827), u li jinkludi telefon 21331200; servizz ta' televisjoni 1425098002 u 14525097958, u servizz ta'

internet, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 16 ta’ Frar, 2010.
Illi interpellat sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1974/12, u bl-imghaxijiet legali sa mis-6 ta’ Settembru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew pprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok. A sa Dok. D.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’attrici s-somma ta’ erba’ mija tmienja u hamsin

ewro u sitta u tletin centezmu (€458.36c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------